

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.1.2010
KUMM(2010)9 finali

2010/0002 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti li jiġi mmobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Ir-regoli tal-eligġibbiltà applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-Fond huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)². Dan ir-Regolament kien emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 546/2009³ li temporanjament iwessa' l-ambitu għall-applikazzjoni tal-EGF. Ir-Regolament emendat huwa applikabbli għal applikazzjonijiet li waslu mill-1 ta' Mejju 2009.

Is-servizzi tal-Kummissjoni flew bir-reqqa l-applikazzjoni sottomessa mil-Ġermanja skont ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5 u 6 tiegħu.

Każ EGF/2009/017 LT/Kostruzzjoni ta' bini

1. Il-Litwanja ppreżentat l-applikazzjoni lill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2009. Kienet ibbażata fuq il-kriterji speċifiċi ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jirrikjedi mill-anqas 500 senja li jseħħu f'perjodu ta' referenza ta' disa' xhur fid-diviżjoni NACE 2 f'reġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II, u kienet ippreżentata qabel l-iskadenza ta' 10 ġimgħat kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
2. L-applikazzjoni hi dwar 1 612 senja f'128 intrapriża, kollha joperaw fi ħdan l-NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 41 (kostruzzjoni ta' bini), li minnhom 806 huma fil-mira ta' għajjnuna EGF.
3. L-elementi ddettaljati tal-valutazzjoni jinsabu fil-Komunikazzjoni adottata mill-Kummissjoni⁴.

Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-komunikazzjoni msemmija hawn fuq, qed jiġi propost li tiġi aċċettata l-applikazzjoni EGF/2009/017 LT/Kostruzzjoni ta' bini li tressqet mil-Litwanja rigward is-sensji fl-industrija tal-kostruzzjoni ta' bini, minħabba li pprovdiet evidenza ta' rabta diretta u ċara li dawn is-sensji huma riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Ġie propost pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati eliġibbli li minnhom il-kontribuzzjoni mitluba mill-EGF hija ta' **EUR 1 118 893** (ara l-paġna li jmiss).

Finanzjament

Il-baġit annwali totali disponibbli għall-EGF huwa ta' EUR 500 miljun. Ammont ta' EUR 7 119 592 diġà kien immobilizzat għal applikazzjonijiet preċedenti fl-2010 u dan iħalli disponibbli ammont ta' EUR 492 880 408. L-allokkazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li ngħatat mil-Litwanja.

Fuq il-bażi tal-applikazzjoni għall-appoġġ mill-Fond imressqa mil-Litwanja u li fiha qed tiġi affettwata l-industrija tal-kostruzzjoni tal-bini, il-kontribuzzjoni mill-EGF għall-pakkett

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, tat-30.12.2006, p. 1.

³ ĠU L 167 tad-29.06.2009, p. 26.

⁴ SEC(2010) 21 tat-18/01/2010

ikkoordinat ta' servizzi personalizzati biex jiġu ffinanzjati hi ta' EUR 1 118 893, li tirrappreżenta 65% tal-ispejjeż totali.

Meta wieħed jikkonsidra l-ammont massimu possibbli tal-kontribuzzjoni mill-Fond stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u kif ukoll l-ambitu tar-rijallokazzjoni ta' approprijazzjonijiet, il-Kummissjoni qed tipproponi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, biex jiġi allokat taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.

Dan l-ammont ta' sostenn mitlub jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex jiġi użat il-Fond, il-Kummissjoni qed tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità tal-baġit dwar il-ħtieġa li jiġi użat il-Fond u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-Awtorità tal-Baġit li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-ferġha l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità tal-baġit, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.

Il-Kummissjoni tippreżenta separatament talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprijazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁵, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁷,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) huwa intiż sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati li jbatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinjom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-għan tal-EGF ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet sottomessi mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jingħataw is-senja bħala riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Litwanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fl-industrija tal-kostruzzjoni ta' bini, fit-23 ta' Settembru 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-ammont ta' EUR 1,118,893.
- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mil-Litwanja.

⁵ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁶ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta'

EUR 1 118 893 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u għall-impenji.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi [...] jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President